TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 552/10

**Charlie Attard**
**vs**
**Techstore Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u ħamsa u tletin ewro (€135), rappreżentanti *harddrive* u kif ukoll spejjeż sabiex titbiddel minħabba l-fatt li tliet (3) xhur wara ġralha l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *harddrive* mingħand id-ditta intimata u wara tliet xhur din kellha l-ħsara u minkejja li s-soċjeta' intimata ppruvat tbiddillu l-*harddrive* ma' oħra *recertified*, ir-rikorrenti m'aċċettax u għalhekk qed jitlob il-flus lura, kif ukoll l-ispejjeż sabiex tinbidel.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi l-garanzija tagħtih id-dritt sabiex ikun jista' jbiddel il-*harddrive* anke ma' waħda *recertified*, pero' f'dan il-każ hu li r-*recertified harddrive* jkollha wkoll il-garanziji meħtieġa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti għandu dritt illi l-istess *harddrive* li kellu, tinbidillu u mhux jingħata oħra *recertified.*

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' ħamsa u sittin ewro (€65), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888